# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2021**

**Numru 6**

**Rikors Numru 981/21TA**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1035/2021 (AD) fl-ismijiet:-**

**Raymond Azzopardi (KI 327177M) et**

**vs**

**Raymond Mifsud (KI 22965M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Raymond Mifsud (ir-Rikorrent) tal-5 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-risposta ta' Raymond Azzopardi et (l-intimati) tat-3 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti u dokumenti ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors fil-15 ta' Novembru 2021;

Rat li ir-rikors tħalla għall-provvediment għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li jrid ir-rikorrent bil-proċeduri odjerni huwa, li jitneħħa għal kollox jew in parte il-mandat ta' sekwestru mertu tal-istess proċeduri minn fuq kont li għandu ma' martu mal-HSBC Bank. Dan minħabba li dan is-sekwestru qiegħed fost oħrajn jikkonġela flejjes ġejjin mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u kif ukoll li fiħ tidħol is-salarju tal-mara tiegħu. Il-Qorti tifhem li dan qiegħed jintalab fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 381(1)(a) u(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta peress kemm il-pensjoni, benefiċċji soċjali u salarji ma humiex sekwestrabbli.

*<u>Pensjonijiet u benefiċċji soċjali</u>*

Il-prinċipju ġenerali huwa dak li ingħad aktar 'l fuq. Pero' tajjeb li jingħad, li l-protezzjoni li tagħti l-liġi hija immirata għall-mument meta dawn il-flejjes, provenjenti minn pensjonijiet u benefiċċji soċjali, ikunu għadhom f'idejn id-Direttur tas-Servizzi Soċjali. F'dan il-każ, tajjeb jew ħażin, dawn qegħdin ikunu direttament imħallsa fil-kont li għandu r-rikorrent mal-Bank imsemmi flimkien ma' martu (ara dok 2 sa 4). F'dan il-kont tidħol ukoll il-paga ta' martu u di piu' minnu anke titħallas *"home loan"*.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn il-Qrati dejjem kienu konsistenti fit-tagħlim tagħhom. Il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel referenza għas-**Sentenza li ngħatat fit-2 ta' Novembru 2011 – Avviż Nru 314/2011 – Maġ JAB – fl-ismijiet Joseph Camilleri -vs- Jesmond Pulis u Lorry Theuma** fejn intqal hekk:

"*Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in ezami. Minhabba f'hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti*".

Dan it-tagħlim ġie abbraċċjat saħansitra mill-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet Tabib Prinċipali tal-Gvern -vs- Hazel Pannel** fejn għal darba intqal hekk :

*"Terga', din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'".* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Forsi il-Qorti kienet tħares b'mod differenti lejn il-vertenza kieku dan il-kont kien maħsub biex jirċievi fih il-pensjoni biss. Iżda fis-sewwa f'dan il-kont jidħlu ukoll is-salarju tal-mara u kif ukoll li titħallas *"house loan".* (Ara **Digriet ta' l-10 ta' Diċembru, 2014 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1675/14 fl-ismijiet: Gasan Mamo Insurance plc vs Carmel Agius, Qorti tal-Maġistrati Malta per Maġ Consuelo Scerri Herrera**.)

Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti taħt din il-kappa tal-liġi, ser ikun miċħud.

*<u>Is-Salarju tal-mara</u>*

Il-Qorti tirrileva li r-rikors odjern sar mir-rikorrent biss. Martu ma hiex parti għalih. Il-mara fis-sewwa hija terza persuna għal dawn il-proċeduri. L-interess ġuridiku biex tiġi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'każ li jiġi allegat li assi kolpiti mill-mandat mhumiex tad-debitur iżda ta' terzi, il-ġurisprudenza trid illi:

(i) il-kawża issir mit-terzi li qed jallega li l-oġġetti elevati huma tiegħu,

(ii) li l-kawża issir kontra l-kreditur u d-debitur, u

(iii) li l-kawża issir għar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu jirrigwarda l-assi tat-terz. (**Ara Sentenza fl-ismijiet Formosa -vs- Grech, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Mejju, 1979; Spiteri -vs- Perry, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u Tolio -vs- Komarzynic, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999**).

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**